MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 2348/2002/1

**Duncan Decelis**

**vs**

**John Meli**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Ottubru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

It-Tribunal ra l-Avviz li fih l-attur talab l-ammont ta' Lm1,164.31c (elf, mija u erbgha u sittin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) rappresentanti danni fl-incident tat-traffiku msemmi fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li mhux responsabbli bl-ebda mod ghall- incident awtomobilistiku. Il-konvenut qal ukoll li l-ammont pretiz huwa esagerat.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Skond il-Pulizija li nvestiga l-incident ezatt wara l-habta l-attur qal:
"Kont ghaddej minn triq tal-Balal, Naxxar fid-direzzjoni li minn Naxxar taghti lejn San Gwann u kif wasalt quddiem VC Services Station rajt vettura BBF 497 li kien gej mid-direzzjoni opposta jixghel l-indicator tal-lemin tieghu biex idur ghal go VC Services Station. F'daqqa wahda xufier ta' vettura BBF 497 qasam it-triq u kif rajt hekk ghafast il-brake b'sahti pero' kien ghalxejn ghax hbatna peress li vettura BBF 497 kien ghalaqli t-triq".

Meta xehed l-attur ikkonferma l-versjoni li kien ta quddiem il-Pulizija u fil-kontro-ezami qal li kien qed isuq b'speed ta' mhux izjed minn 44 mfs. L-attur ikkonferma l-brake marks kif muri fl-iskizz.

Wara l-habta l-konvenut qal lil Pulizija:

"Kont ghaddej minn triq tal-Balal, Naxxar fid-direzzjoni li minn San Gwann taghti lejn in-Naxxar u xeghelt l-indicator tal-lemin biex nidhol go VC Service Station u malli kont kwazi qsamt it-triq giet vettura BAO 936 mid-direzzjoni opposta li zamm brejk qawwi u baqa' jitkaxkar u dahal go fija".

Meta xehed il-kovnenut qal: "Jiena qsamt biex nidhol fil-Petrol Station. Jiena meta xeghelt l-indicator u qsamt ma rajt il-hadd. F'daqqa wahda sibt wiehed dahal go fija". Hu kien dahal fuq il-karreggjata ta' l-iehor meta gara l-habta. Il-konvenut qal li qabel ma dar seta jara fit-tul izda ma ra xejn".

Illi mill-iskizz u mhix xhieda jirrisulta li l-konvenut qasam il-karreggjata tal-attur u ghalhekk kien il-konvenut li kellu jassikura li seta' jaghmel dik il-manuvra minghajr ma jostakola karozzi ohra. Il-konvenut kellu d-dover li qabel

ma jsuq fuq il-karreggjata ta' fejn kien gej l-attur jara li setgha jaghmel hekk. Il-konvenut ssotometta li l-attur kien qed isuq b'speed eccessiv f'built up area. Il-konvenut ghamel referenza ghal brake marks li halla l-attur. Il-konvenut ssotometta li ghal dan ir-raguni l-attur ghandu wkoll almenu parti mit-tort.

Illi l-kawza prossima ta' l-incident minghajr dubju kien il-fatt li l-konvenut qasam il-karreggjata biex jipprova jmur go petrol station fuq in-naha l-ohra. L-incident gara kollu kemm hu fil-karreggjata tal-attur.

Mill-assjem tal-provi dan it-Tribunal jikkonkludi li l-incident sehh minhabba nuqqas da parti tal-konvenut u dana billi jirrisulta li ftit attimi qabel l-impatt l-istess konvenut biddel il-karreggjata tieghu b'mod li hareg fuq il-karreggjata tal-attur. B'dan il-mod huwa ostakola l-passagg liberu tal-attur li forsi minhabba li speed xi ftit elevat, ma rnexxilux jiehu azzjoni evaziva adegwata biex l-impatt jigi evitat. Huwa principju fundamentali fis-sewqan li ma ghandhekx tbiddel it-trajettorja tieghek b'mod li tostakola l-passagg liberu ta' haddiehor. Jekk tkun ser taghmel hekk trid qabel xejn izzomm "a proper look out" biex tassikura li bil-manuvra tieghek, ma tohloqx periklu lil haddiehor. (ara Vella Vs Spiteri PS 2/10/2002).

Il-highway code – art. 206 jipprovdi "Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn".

Fil-kawza Mallia Vs Azzopardi PA 27/2/1990 gie ddikjarat li "Fil-kollizjonijiet dak li huwa mportanti biex tigi stabbilita r-responsabbilta ghad-danni huma l-fatturi rilevanti u determinanti ghal habta u mhux id-diversi imperfezzjonijiet fir-regolamentazzjoni tas-sewqan da parti tas-sewwieqa li ma jkollhom ebda incidenza fuq id-determinazzjoni tal-htija".

L-incident gara mhux minhabba l-ispeed tal-attur izda minhabba l-fatt li l-konvenut dahal fil-karreggjata tal-attur minghajr ma ra x'kien hemm f'dik il-karreggjata.

Illi gew esebiti l-ircevuti u ma hemmx kontestazzjoni reali dwarhom.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Il-konvenut appella minn din id-decizjoni bl-aggravju li t-Tribunal naqas li jaghti piz debitu lill-fatt tas-sewqan b'velocita` qawwija da parte tal-attur. Huwa jikkontendi li l-incident sehh kawza ta' din il-velocita`, u li f'kull kaz l-attur kellu jinstab responsabbli li kkontribwixxa ghall-incident li taha lok ghad-danni.

Kif mistenni, l-attur appellat jikkontrasta lill-konvenut appellant s-sottomissjonijiet tieghu dwar ir-responsabilita` ghall-kollizjoni.

Kif manifest mill-aggravju l-konvenut appellant isostni li l-htija tal-habta kellha tigi akkollata unikament fuq l-attur li kien gej isuq bi speed qawwi, jew ghallanqas li din l-istess velocita` tieghu kellha titqies fattur kontributur tal-incident.

Ezami anke superficjali tar-rizultanzi processwali hu, fil-fehma tal-Qorti, dimostrattiv li dan l-appell hu ghal kollox ingustifikat.

Ghal dawk li huma fatti dawn, brevement riportati, jaghtu dan il-kwadru:-

Il-konvenut (fol 19) xehed li waqaf qabel l-incident ghax ried jidhol fil-petrol station, xeghel l-indicator, <u>ma ra li kienet gejja ebda karozza</u>, qasam u "<u>f'daqqa wahda</u>" sab il-karozza tal-attur ma wiccu. L-istess versjoni hi provvduta minn martu Josette Meli (fol 15).

Minn naha tieghu l-attur (fol 10) iddikjara li ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta bl-indicator mixghul li ser tidhol hdejn il-pompa tal-petrol, din qasmet u waqfet f'nofs il-lane tieghu. Jissokta jghid li hu ghafas il-brake izda xorta wahda saret il-habta. It-tyre marks tieghu kienu tul ta' 29.5 metri.

Mill-esposizzjoni ta’ dawn il-fatti u l-iskizz a fol 37 kollox jindika li l-appellant hareg intempestivament mill-posizzjoni fejn kien u inonda l-kareggjata tal-attur. Il-provi jkomplu juru li bla dubbju ta’ xejn kienet il-manuvra nkonsulta tal-appellant li ssorprendiet lill-attur, li, nonostante li rreagixxa billi ghafas il-brake meta sab ruhu rinfaccjat bil-vettura tal-konvenut, ma rnexxielux jevita l-impatt.

Ma kienetx sorpriza li t-Tribunal askriva piz determinanti lill-fatt li l-konvenut kellu d-dover li qabel ma jsuq fuq il-kareggjata minn fejn kien gej l-attur jara li seta’ jaghmel hekk. Issa hu minnu li l-konvenut jghid li hares qabel ma ddecieda li jittraversa t-triq. Hu pero` jzid jghid li lill-attur ma rahx. Ghall-Qorti din l-ammissjoni kienet tibbasta biex taddebita l-htija intiera fuq l-appellant. Il-fatt li hares u ma rahx lill-attur logikament ifisser jew ma hares xejn jew, jekk verament hares, ma harisx sew. Mhux probabbli li l-karozza tal-attur waqghet habta u sabta. Del resto, l-appellant ukoll ma jirrileva l-ebda ostakoli ghall-vizwali tieghu. Ghalhekk mhux koncepibbli li hu ma rax lill-attur gej mid-direzzjoni opposta fuq ix-xellug tieghu qabel ma gie biex jidhol fil-kareggjata tal-attur ha jittraversaha.

Jibqa’ l-fatt li l-konvenut appellant kellu d-dover li jesplora sewwa t-triq u jzomm ‘a proper lok out’ meta htieglu jinvadi l-kareggjata tal-attur. Kien jinkombi bi dmir fuqu li qabel ma jaghmel il-manuvra azzardata li ghamel ikun cert li hu seta’ jibdiha u jtenniha bla xkiel. Mill-assjem tal-provi ma jidherx li hu osserva din ir-regola bazika.

Dan premess, din il-qorti ma tifhemx kif il-konvenut appellant jippretendi li ghandha tigi addossata responsabilita` kontributorja fuq l-appellat jew li dan ghandu addirittura jwiegeb unikament ghall-akkadut minhabba l-allegata velocita` qawwija. Il-kawza prossima u immedjata tal-incident ma kienx l-ispeed jew l-eccess tieghu attribwit lill-attur izda l-mod inkonsult kif il-konvenut ittanta jittraversa arterja principali tat-traffiku. Kif ‘ex abundantia’ nghad kienet din il-manuvra li ssorprendiet lill-attur u kkrejatlu emergenza.

Huwa veru li t-tul tat-tyre marks u d-danni emergenti b'rizultat tal-impatt jaghtu indikazzjoni illi l-velocita` tal-vettura tal-attur kienet anke forsi akbar minn dak konsentit. Stabbilit dan, kif drabi ohra deciz, "hi pacifika l-gurisprudenza li f'kazi kongruwi l-fatt li jista' jirrizulta anke xi eccess ta' velocita` ma kellux ikun fattur li jaddebita kontributorjeta` ghas-sinistrru fuq driver illi kien altrimenti qieghed in pjena osservanza tar-regolamenti tat-traffiku" – "**Stefan Xuereb -vs- Maria Concetta Debono et**", Appell, 30 ta' Marzu 2001.

Hu l-kaz ghalhekk, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula, illi la r-ragonament u lanqas il-konkluzjoni tat-Tribunal ma jimmeritaw varjazzjoni minn dak fis-sentenza appellata dedott.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata tat-Tribunal konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------